# Qalbna terġa' tieħu r-ruħ





Bħalissa għadna kemm qed nagħlqu l-viżta pastorali tal-Isqof Anton fostna u naħseb li lkoll naqblu kemm għexna mumenti tassew sbieħ bħala komunità. F'ġimgħa intensiva ta' laqgħat u appuntamenti seta' jiltaqa' mar-realtajiet kollha tal-parroċċa, jiġifieri ma' dawk il-persuni kollha li huma parti mill-attività pastorali tal-Knisja, dawk kollha li jgħinu fl-organizzazzjoni jew qed jipparteċipaw fit-tliet ħidmiet prinċipali li fuqhom isserraħ il-ħajja tal-fidi Kristjana fil-komunità tagħna: il-**Katekeżi** (it-tagħlim tal-fidi li jakkumpanja l-ħajja kollha tagħna mit-tfulija sax-xjuħija), il-**Liturġija** (il-mod ta' kif nesprimu u niċċelebraw il-fidi tagħna) u  l-**Karità** (l-attijiet ta' mħabba li nuru ma' xulxin minħabba l-fidi tagħna).

Barra minn hekk l-Isqof kellu wkoll spazju għal dawk il-persuni jew l-għaqdiet mir-raħal tagħna li xtaqu jiltaqgħu miegħu personalment u nemmen li kien mument ta' grazzja kbira għal kulħadd: sew għalina li sirna nafu mill-qrib lill-Isqof tagħna u sew għall-Isqof li fil-ministeru tiegħu ta' ragħaj seta' jagħraf il-merħla tiegħu waħda waħda. Hu stess qal f'waħda mil-laqgħat li kellna miegħu li l-iskop prinċipali hu dak li jkun iktar ta' sapport għalina, li nsibu fih dik l-għajnuna li tqarribna iktar lejn il-persuna ta' Ġesù: hekk li fih insibu l-veru suċċess tagħna, bħala individwi u bħala komunità.





Kien għalhekk qassmilna dik l-ikona li tiġbor fiha ż-żewġ mumenti tal-ġrajja ta' Emmaws irrakkuntata fl-Evanġelju ta' Luqa, kapitlu 24: il-mument ta' dwejjaq kbar meta d-dixxipli huma u jitbiegħdu mill-bqija tal-komunità, lanqas jirnexxilhom jagħrfu lil Ġesù xħin jipprova jgħinhom u jfehemhom bil-Kelma tiegħu; u l-mument li fih jitolbuh biex jibqa' magħhom hekk li xħin jidħol għandhom u jaqsam il-ħobż huma jagħrfuh fl-Ewkaristija.

Jalla aħna wkoll, jekk bħalhom konna qed inħossuna xi ftit għajjenin, imdejqin jew delużi fil-ħajja fil-parroċċa, **infittxu nisimgħu iktar il-Kelma tiegħu u noqogħdu iktar miegħu fl-Ewkaristija, għax hekk żgur li qalbna terġa' tieħu r-ruħ**, u flimkien inkomplu ngħinu lil xulxin biex nikbru fi Knisja waħda u nsaħħu l-għaqda u l-imħabba tal-familji fi djarna.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am